**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 24 ta' Mejju 2023**

**Rikors nru : 76/2023 AGV**

**JV**
**V**
**RS**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir-Rikors guramentat ta' JV datat 30 ta' Marzu 2023 ;**

**Jesponi bir-rispett u bil-gurament jikkonferma;**

1. Illi l-esponent izzewweg lill-intimata fit-12 ta’ Ottubru 2007 **dok A** huwa ic-certifikat taz-zwieg; minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal – J (22/04/08) u L VS ;
2. Illi iz-zwieg ta’ bejn il-partijiet tkissier irrimedjabilment tant li il-partijiet ilhom li isseparaw u dan permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone datat 30 ta’ Lulju 2019 - **dok D.**
3. Illi intant il-partijiet ilhom separati de facto ghal aktar minn erba snin u minn dawn is-snin ilhom separati permezz tal-kuntratt ghal perjodu ta’ erba snin;
4. Illi ma hemm ebda tama ta’ rikonciljazzjoni.
5. Illi ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet u ma hemm ebda manteniment dovut ghat-tfal.
6. Illi l-attur jixtieq jipprevalixxi ruhu mid-diritt li jitlob u jottjeni id-divorzju u dan ai termini tal-Art 66A u Artikoli sussegwenti tal-Kodici Civili;
7. Illi l-attur qed jannetti affidavit li fih jikkonferma li il-partijiet ilhom separati ghal aktar minn erba snin, li ma hemm ebda tama ta’ rikonciljazzjoni u li ebda manteniment ma huwa dovut (**dok E**).

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha :

1. Previa kull dikjarazzjoni li tkun necessarja tiddikjara u tordna li iz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fit-12 ta’ Ottubru 2007 jigi dikjarat xolt ai termini tal-Artiklu 66A u Artikoli sussegwenti tal-Kodici Civili.

Il-Qorti rat ir-risposta tal-konvenuta pprezentat seduta stante ;

1. Illi hija ghadha ma gietx formalment notifikata bir-rikors promutur, pero qed taghti ruhha b ‘notifkata permezz tal-prezenti wara li rat l-atti u l-kontenut tal-istess rikors ;

2. Illi qed taqbel mal-kontenut tal-istess rikors hlief ghal klawzoli 5 u klawzola 7 fejn jinghad li ma hemm ebda manteniment dovut ghat-tfal. Dan stnate illi hemm manteniment dovut imma prezentament ma hemmx dovuti arretrati tal-hlasijiet mensili inkluz taz-zidiet tal-gholi tal-hajja stante li dawn gew ikkalkulati u saldati

Ghaldaqstant, l-esponenti titolb lil dina Onorabbli Qorti, tilqa' t-talba kif dedotta taht dawk il-provvedimenti kollha li dil- Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat nhar it- 12 ta' Ottubru 2007.**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.
Spejjez jibqghu bla taxxa.
Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**